MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1101/2002

**Kawza Nru:**

**Rikors Nru: 1101/02 JA**

**Av. Dr. David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u inr rapprezentanz tas-socjeta' estera Nike International Limited.**

**-vs-**

**Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b' digriet tal-21 t' Ottubru, 2002 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Tarek R. Hlal.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressaq fl-1 t' Ottubru, 2002, li fih l-attur nomine ppemetta:

Illi l-kumpannija attrici Nike International Ltd. Ta' One Bowerman Drive, Beaveton, Oregon, 9700-643, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja tal-marka taz-zrabn sportive u abbiljamenti tal-hwejjeg "NIKE" kif wkoll poprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess zraben sportive u abbiljamenti tal-hwejjeg skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A" u "B" u d-Dokumenti "C" u "D";

Illi s-socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess kelma "NIKE" u s-sinjali distintivi fil-komplessita taghhom registrati fir-Registru tal-Markji f' Malta taht *Trademark No.* 17123 (kif muri f' Dok. "A" u f' Dok. "B"), u *Trademark No.* 17125 (kif muri f' Dok. "C" u f' Dok. "D"), ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 4141 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta mill-Airway Bill Numbers 5521309606 u 5552130984, li l-konsenjatarju taz-zewg konsenji in kwistjoni huwa s-Sur Tarek R. Hlal ta' nazzjonalita' Libjana (Passaport Nru. 439106), mentri d-dettalji tax-*Shipping Agents* huma Airline Services Ltd. Ta' St. Anne Square, Floriana, VLT 16, Malta.

Illi jirrizulta li l-konsenji in kwistjoni ddahhlu gewwa Malta fl-4 ta' Settembru 2002 fuq il-linja ta' l-ajru Aeroflot fuq Flight SU 572 minn 'Beijing China' via 'Moscow Russia', u/jew gew importati tempranjament u/jew tqieghdu gewwa zona hiela jew mahzen hiele, fejn l-imsemmija konsenji ta' zraben sportive jikkonsistu f' madwar elfejn sitt mija u erba' u hamsin (2,654) par, maqsuma fi tnejn u erbghin (42) u tlieta u tletin (33) kaxxa

tal-kartun, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap.414;

Peress illi dawn iz-zraben sportive in kwistjoni jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici, skond l-Artikolu 2 (1) (a) (i) tal-Kap. 414, li favur taghha huma rregistrati l-markji u distintivi “NIKE”, liema zraben sportive huma prodotti ffalsifikati skond l-analizi li ghamlet is-socjeta’ attrici (ara rapport ta’ analizi mmarkat bhala Dokument “E”);

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-riesportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni tempranja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta’ intelettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi dawn il-konsenji ta’ zraben sportive bhalissa jinsabu mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taahat il-provvediment tal-Kap.414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjea’ attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz;

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikkjara u tiddeciedi illi z-zraben sportive in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi tali zraben sportive ffalsifikati jikkontravjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numri 17123 u 17125 tal-Markji “NIKE” u/jew s-sinjali distintivi tal-istess socjeta’ attrici;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ dawn il-

konsenji ta' zraben sportivi ffalsifikati li jikkonsistu f' madwar elfejn sitt mija u serba' u hamsin (2,654) par, maqsuma fi tnejn u erbghin (42) u tlieta u tletin (33) kaxxa tal-kartun, jikkonstitwixxu vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' malta;

4. Tordna d-distruzzjoni taz-zrabnen sportivi in kwistjoni mill-Kontrollur tad-Dwana minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

5. Tiddikjara, konsegwentement, a bazi ta' l-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba, lill-konvenut bhala responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici b' rizultat ta' dan l-agir abbuzin u llegali tal-konvenut;

6. Tordna l-likwidazzjoni tal-istess danni sofferti mis-socjeta' attrici, u jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi ghal dan il-ghan;

7. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat;

8. Tordna kwalunke rimedju iehor ikkontemplat ai termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta' attrici, li jidhrilha xierqa u opportuni;

9. Tordna li l-konvenut ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport u tal-hazna taz-zraben sportivi in kwistjoni kif

wkoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta' attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-Kap.414;

Bl-ispejjes, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine mahlufa fl-1 t' Ottubru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li permezz taghhom eceppew illi:

Huma m' humhiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw d-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine u l-lista tax-xhieda.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat:

Illi t-talba attrici hija sostenuta mid-dokumenti u mid-deposizzjoni tax-xhud George Agius.  Il-konvenuti ma' pprezentawx provi stante li ma' sarx kuntatt mal-assenti.

Illi ghalhekk it-talba attrici mhijiex kontradetta.
Ghal dawn il-mottivi;

**Il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, eccetto s-sitt u s-sebgha talba stante li ma' tressaqx provi fir-rigward  u tifissa hmistax il-gurnata zmien ghad-distruzzjoni taz-zraben in kwistjoni.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b' dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------